Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2756

7.12.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2756

## tal-4 ta' Diċembru 2023

## li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Istat ta' Iżrael għal ftehim dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-għan li jiġi konkluż ftehim dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mal-Istat ta' Iżrael.

(2) Jenħtieġ li l-Kummissjoni li tiġi nnominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

(3) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq in-negozjati f'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u f'konformità mar-rwoli rispettivi tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 218 TFUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(4) L-objettiv ewlieni tal-ftehim previst huwa li jiġi stabbilit qafas ġuridiku li jkopri ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, tal-parts u tal-apparati ajrunawtiċi, u s-sorveljanza tal-produzzjoni. Sa ftit ilu, l-approvazzjoni taċ-ċertifikati għall-prodotti ajrunawtiċi u għall-partijiet u l-apparati tagħhom bejn l-Unjoni u l-Istat ta' Iżrael kienet ibbażata fuq ftehim bejn l-Italja u l-Istat ta' Iżrael, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Mejju 1990, flimkien mal-Artikolu 68(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Madankollu, l-Italja temmet dak il-ftehim b'effett mit-2 ta' Jannar 2022 f'konformità mal-Artikolu 140(6) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehim dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mal-Istat ta' Iżrael.

2. In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

### *Artikolu 3*

1. In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) TFUE.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta minnufih bil-miktub lill-kumitat speċjali u lill-Kunsill dwar l-eżitu tan-negozjati wara kull sessjoni ta' negozjar.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. PUENTE SANTIAGO